# TRIBUNAL INDUSTRJALI

## DECIZJONI NUMRU 2711

**Kaz Numru 3599/CC** **Fil-Kwistjoni tax-Xoghol**

**bejn**

**Romualdo Farrugia (ID 381562)**
**u**
**Fondazzjoni tal-Kon-Katidral**
**ta' San Gwann**

**dwar tkeccija mill-impjieg allegata ngusta**

**Chairman: Is-Sur Charles Cassar M.B.A.(Exec.), Dip.Lab.Stud., Cert.Mediator (UK)**

**Nhar l-Erbgha 17 ta' Frar, 2021**

- **Introduzzjoni**

Dan il-kaz gie riferut lit-Tribunal Industrjali permezz ta' nota pprezentata mill-Appellant Romualdo Farrugia fir-Registru tal-Qrati Superjuri nhar l-24 ta' Novembru 2017 fejn sostna li t-terminazzjoni tal-impieg tieghu kienet ingusta u ma saritx ghal raguni tajba u bizzejjed skond il-ligi. Is-Socjeta' Ntimata min-naha l-ohra cahdet li t-terminazzjoni tal-impieg tieghu kienet ingusta u ma saritx ghal raguni tajba u sufficjenti.

It-Tribunal ha konjizzjoni tad-dikjarazzjonijiet tal-kaz kif prezentati miz-zewg partijiet, zamm tlieta u ghoxrin (23) seduta fejn sema' x-xhieda mressqa miz-zewg nahat, evalwa l-provi u d-dokumenti kollha kif esebiti, kif ukoll ha 'in konsiderazzjoni' l-argumenti kif ipprezentati fit-trattazzjoni finali tal-avukati li assistew.

Ma kienx possibbli li t-Tribunal jiddeciedi dan il-kaz fi zmien xahar kif stabbilit mil-ligi, minhabba limitazzjonijiet ta' facilitajiet amministrattivi, l-bidliet fic-*Chairpersons* li lilhom kien assenjat dan il-kaz, kif ukoll minhabba s-sitwazzjoni li kkrejat l-pandemija Covid-19.

- **Rapprezentanza**

Romualdo Farrugia li minn issa l-quddiem ser jissejjah l-Appellant kellu l-assitenza ta' l-Avv. Kirk Brincau.

Il-Fondazzjoni tal-Kon-Katidral ta' San Gwann li minn issa l-quddiem ser tissejjah is-Socjeta' Ntimata kienet irraprezentata minn Wilfred Buttigieg u aktar tard minn Fr. Emmanuel Agius assistiti mill-Avv. Phyllis Aquilina.

- **Fatti fil-qosor tal-kaz**

L-Appellant kien impjegat bhala *custodian* fil-Kon Katidral ta' San Gwann inizjalment mall-Kapitlu tal-Katidral u wara mall-Fondazzjoni u dan sa mill-15 t'April 1985. Il-Fondazzjoni kienet twaqqfet fl-2002.

L-Appellant kien gie nfurmat bit-temm immedjat tal-impjieg tieghu nhar id-29 t'Awwissu 2017, permezz ta' ittra ffirmata mis-*CEO* Cynthia De Giorgio u dan bhala mizura dixxiplinarja. Dan in seguito ta' argument li kien inqala' dakinhar stess, u fejn l-Appellant kien ordnat jitlaq minn fuq il-post tax-xoghol.

**<u>Gabra fil-qosor tax-xhieda</u>**

**Romualdo Farrugia** l-Appellant, beda billi qal li huwa kien jahdem bhala *custodian* fil-muzew tal-katidral u dan ghal madwar 32 sena.
Huwa ta deskrizzjoni dettaljata ta' x'kienu d-doveri tieghu. Huwa spjega li ma' l-andament taz-zmien in-numru ta' kustodji minn 4 tela' ghal 25, kif zdied ukoll ix-xoghol fejn gieli fil-muzew dahlu mas-6,000 vizitatur f'jum wiehed.
Huwa qal li t-tqassim tax-xoghol kien jorganizzah a bazi ta' *roster* il-*Head Custodian* Maurice Grixti. Wara huwa ghadda sabiex ta dettalji ta' kif kien il-hin tax-xoghol u kif kien jitqassam ix-xoghol ta' gurnata tipika bil-hinijiet abbinati ma' bdil li kien isir skont il-lok assenjat.
Huwa wara rrakkonta kif madwar hames snin qabel kien ilmenta ma' Grixti dwar il-fatt li huwa kien ikun dejjem jahdem gewwa l-Oratorju. Dover li kien jirrekjedi waqfin u li siequ kienet tugghu hafna tant li kien anke operat, fejn kien ipprezenta certifikati medici lil Anthony Casha.

Farrugia stqarr li ma' hafna mill-kustodji kellu relazzjoni tajba hafna minkejja li gieli kellu xi naqra battibekki.

Huwa kompla li xi erbat (4) ijiem qabel tkecca fuq talba tieghu, kien iltaqa' mall-Mons. Victor Zammit McKeon ghal xi 08.00 bil-ghan li jispjegalu l-kundizzjoni tax-xoghol gewwa l-Oratorju fir-rigward tas-shana tremenda li kien ikun hemm, Farrugia qal li lill-Monsinjur kien gharrfu ukoll li gimgha qabel kien tnehhilu d-dover li jiehu hsieb ic-cwievet minghajr ma nghata raguni ghal din il-bidla. Huwa spjega li tali tehid tac-cwievet kien sar minn Anthony Casha. Farrugia tenna li wara li l-*istaff* fil-knisja zdied peress li kien twaqqa' l-muzew, huwa kien issugerixxa lill-Monsinjur li l-bdil fl-Oratorju jibda jsir kull siegha peress li kien ikun hemm hafna shana. Ix-xhud stqarr li din l-idea giet deskritta bhala bellezza mill-Monsinjur. Huwa qal li xi jumejn wara c-*CEO* u l-Mons. qalulu proset tal-idea tal-bdil, izda xi siegha u nofs wara l-istess *CEO* qal li qaltlu li dak li nghad mall-Monsinjur ma kien jiswa xejn.
Ix-xhud stqarr li minkejja li kien anke nhareg memo dwar il-bdil fl-Oratorju a bazi ta' siegha siegha, tali arrangament qatt ma dahal fis-sehh. Huwa ddikjara li l-*Memo* li kien hareg nhar il-21 t'Awwissu 2017 huwa qatt ma kien rah qabel ma gie esebit waqt il-process.
Farrugia stqarr li wara kien mar ghand it-tabib tieghu fejn dan ghamillu certifikat li minhabba l-kundizzjoni medika tieghu ma setax jahdem f'dak l-ambjent.
Huwa tenna li dak l-ilment kien ressqu lis-*CEO* De Giorgio hames (5) snin qabel Awissu 2017, fejn huwa stqarr li '...qisek qed tkellem lill-hajt'. F'dan il-kuntest huwa qal li gieli anke talab lis-*CEO* li jigi stallat apparat tal-arja kundizzjonata kif kien hemm fi bnadi ohra izda din kienet twiegbu li ma setghux isiru. Dwar li dan l-ilment kien qal bih anke lil Grixti *Head Custodian*, ix-xhud qal li dan kien jipprova jirrimedja, fejn gieli qallu li De Giorgio ma taghtix kasu.
Farrugia wara kompla jirrakkonta x'gara dakinhar li tkecca. Huwa qal li quddiem Mons. Louis Camilleri, s-*CEO* kienet staqsietu jekk skond ir-*roster* kienx assenjat jahdem fl-Oratorju u huwa kien wegibha li hekk hu, pero' minhabba c-certifikat mediku li kellu ma kienx ser imur hemm. Huwa qal li filwaqt li kien wegibha hekk kien qalilha li setghet tqabbdu fejn trid izda mhux hemm.
Farrugia stqarr li f'dak il-mument is-*CEO* qaltlu li jekk mhux ser jahdem hemm '..ohrogli l-barra issa....ghax ha ncempel lill-Pulizija'. Huwa kompla li gabar l-affarijiet personali tieghu u hareg. Fuq mistoqsija tat-Tribunal dwar x'fehem dak il-hin huwa wiegeb 'li tkeccejt hu'. Huwa tenna li qabel ma kien

ha l-affarijiet tieghu u telaq is-*CEO* kienet qaltlu '...issa qabbad l-Avukati Rom'.

Farrugia wara spjega fid-dettall episodju li kien sehh bejnu u s-*CEO* dwar is-*side-door* tal-Oratorju n-naha ta' Strada Merkanti. Huwa spjega li minkejja li kien hemm direzzjoni li dan il-bieb ikun maghluq huwa kien izommu miftuh ghaliex '..ma stajtx nissaporti izjed...qbadt u ftahtu ghax kont se mmut'. Huwa qal li appena giet is-*CEO* u stqasietu ghala l-bieb kien miftuh u hu spjegalha din ordnatlu jerga' jaghlqu u hekk ghamel.
Dwar l-uzu tal-*mobile phone* fl-Oratorju, Farrugia qal li kien jaf li kien hemm dik id-direttiva '...imma kullhadd kien juzah'. Dan intqal fil-kuntest li fl-istess granet is-*CEO* qabditu jitkellem fuq il-*mobile phone* waqt li kien fl-Oratorju.
Mistoqsi mit-Tribunal jekk kienx ircieva xi risposta ghall-ittra li kien baghat lis-*CEO* De Giorgio nhar l-10 t'Ottubru 2017 fejn fiha kien talab skuza u li jerga' jigi mpjegat, ix-xhud wiegeb li ma kien ircieva l-ebda risposta.
Farrugia qal li fil-mument li qed jixhed huwa jahdem bhala messaggier, a bazi ta' kuntratt definit mall-Ministeru tal-*Housing* u dan sa mit-3 t'April 2018. Huwa tenna li malli kien tkecca mill-impjieg huwa ghamel sitt xhur fejn ma kien jiehu l-ebda beneficcju u fejn kellu johrog 'minn gewwa' €11.000 sabiex ghajjex il-familja. Huwa qal li kien beda jerga' jahdem f'April 2018. Huwa stqarr li matul dak il-perjodu ma kienx mar jirregistra ghaliex kien ser jitpogga fuq *Part 2* tar-Registru.
Ix-xhud qal li huwa fis-snin precedenti ta' qabel is-sena li spicca mix-xoghol qatt ma kien ipprezenta lill-*Management* b'xi certifikazzzjoni medika relatata ma' xi kundizzjoni ta' diffikulta li joqghod fis-shana minhabba *high blood pressure*.
Ix-xhud sahaq li sal-jum li kien tkecca hu, kienet ghadha ma hargitx id-direttiva li ssir ir-*rotation* kull siegha u kien f'dak il-kuntest illi huwa kien irrifjuta li jahdem gurnata shiha fl-Oratorju f'ambjent ta' shana.
Ix-xhud sostna li huwa qatt ma sahaq li ma riedx jahdem gewwa l-Oratorju.

**Mons. Louis Camilleri** beda billi qal li prezentament kien Membru fil-Kunsill tal-Fondazzjoni pero' meta sehh il-kaz ittrattat kien jokkupa l-kariga ta' President tal-Fondazzjoni.
Huwa spjega li huwa ma kienx jattendi kull jum fil-Katidral izda meta kien ikun hemm bzonn. Huwa qal li dakinhar li tkecca Farrugia nzerta kien hemm.
Mons. Camilleri qal li f'xi hin dakinhar sema' bhal kommossjoni u meta mar jistqasi s-*CEO* kienet qaltlu li kellha tkeccih ghaliex ma jridx joqghod ghall-ordnijiet fejn ikkwota lis-*CEO* '...ghidtlu biex imur igib l-affarijiet tieghu u jitlaq. Huwa stqarr li hu u Farrugia ma kienux tkellmu, izda sakemm Farrugia

kien mar igib l-affarijiet tieghu kien kellem lis-*CEO* u qaltlu li ' ...ilna nghidulu ghaliex ma joqghodx ghal li nghidulu, u jekk imissu x-xoghol tieghu fl-Oratorju johrog minn hemmhekk ghax jghid li jhoss is-shana. Gieli anke johrog mill-Katidral u jmur jippassigga Strada Rjali.' Huwa zied li kienet qaltlu ukoll li dik tal-lum kienet kbira '...ghax assolutament ma riedx joqghod ghal li nghidulu u bil-fors kelli nkeccih'.
Filwaqt illi tenna li d-decizjoni tat-tkeccija kienet haditha c-*CEO*, Mons. Camilleri stqarr li meta s-*CEO* tellghet dan il-kaz tat-tkeccija fil-Kunsill, fejn tat spjega tal-azzjoni li hadet u ghaliex haditha, l-Membri tal-Kunsill kollha qablu maghha. Huwa sostna li qabel sehh dan il-kaz qatt ma kien sema' qabel bid-dettalji li hargu waqt il-laqgha tal-Kunsill fejn issemmiet it-tkeccija ta' Farrugia.

**Mons. Victor Zammit McKeon** beda billi qal li huwa jokkupa l-kariga ta' Pro Rettur tal-Konkatidral ta' San Gwann u jirraprezenta l-Kapitlu fil-Kunsill tal-Fondazzjoni.
Dwar il-laqgha li kien talab li ssir mieghu min-naha ta' Farrugia, Mons. Zammit McKeon stqarr li kien ha gost hafna li kienet saret din it-talba ghaliex hass li forsi seta' jghin dwar problemi relatati max-xoghol fl-Oratorju li kien sema' kemm minghand Farrugia u anke minn *staff* iehor propju fuqu (fuq Farrugia).
Ix-xhud spjega li l-laqgha ma' Farrugia damet madwar siegha u fiha dan kien qal li kien ihoss li kien hemm bhal konfoffa minn shabu kontrih, jew bhal speci fil-fehma tieghu (tax-xhud) ma kienux jifhmuh / jikkoperaw mieghu bizzejjed. Ix-xhud filwaqt li semma li Farrugia kien kellmu dwar is-sitwazzjoni tas-shana fl-Oratorju stqarr li f'dak il-lok '....fannijiet hemm kemm trid u minn dawk il-kbar'. Huwa kompla li f'dik il-laqgha Farrugia kien hareg bl-idea li minhabba s-shana jintuza *roster* fejn l-istaff jinbidel kull siegha. Pero' stqarr ix-xhud, din l-idea ma mmaterjalizzatx ghaliex is-*CEO* m'accettatthiex wara li l-anqas il-kollegi ta' Farrugia ma accettawha. Huwa qal li wara l-laqgha li kellu ma' Farrugia ma kien ha l-ebda inizjattiva.
Meta gie muri ittra ffirmata mill-kustodji biex fl-Oratorju jkun hemm *roster* li jinbidlu kull siegha, x-xhud qal li ma kienx jaf xejn fuqha dik l-ittra. Similarment ix-xhud stqarr li ma setax jghid jekk inhargitx xi *internal memo* f'dak is-sens u jekk fil-fatt tali *roster* giex implimentata u dan ghaliex il-haga kienet '...something in the *Executive Family*'.
Mons. Zammit McKeon qal li din il-laqgha kienet saret mhux aktar minn tlett gimghat qabel ma sehh l-incident li wassal ghat-tmiem ta' l-impjieg ta' Farrugia, ncident li kien sehh propju fl-ufficcju tieghu. Huwa spjega kif fl-

ufficcju tieghu dahlu Farrugia, Ant.Casha wiehed mis-Segretarji u c-*Chief Custodian* Marie Bartolo.
Huwa ddeskriva s-sitwazzjoni bhala li kienet wahda agitata fejn sema' lil Farrugia jirrifjuta direzzjoni li kienet qed ittih Bartolo sabiex imur jahdem fejn kien assenjat.
Mistoqsi dwar inkarigu li kien inghata lill-kuntrattur Shields dwar xi *issues* relatati ma' *Health & Safety*, ix-xhud wiegeb li kien jaf li dawn ghamlu ukoll xi rapport.
Mons. Zammit McKeon sostna li qabel sehhet it-tkeccija ta' Farrugia, quddiem il-Kunsill qatt ma giet diskussa s-sitwazzjoni tieghu (ta' Farrugia).
Mistoqsi x'jaf dwar ir-relazzjoni ta' Farrugia mas-*CEO* De Giorgio, x-xhud irrakkonta meta kienet saret zjara fil-KonKatidral minn *Leaders* Ewropej, is-*CEO* kienet introduciet lil Farrugia ma' Mons. Arcisqof bhala d-difensur ta' Caravaggio, kumpliment li hu jaf li gieli ghamlitu f'okkazjonijiet ohra.
Huwa stqarr li kien qal lis-*CEO* li b'dawk il-kummenti '*you have lost your staff'*, ghaliex dehrilhom li huma ukoll ghandhom ikollhom l-istess kumpliment.

**Wilfred Buttigieg** beda x-xhieda tieghu billi qal huwa ilu jservi fil-Kunsill tal-Fondazzjoni sa mill-2013, bhala Membru u minn xi 9 xhur ilu nhatar President tal-Kunsill. Spjega fid-dettall il-funzjoni tal-Fondazzjoni u tieghu bhala Kunsillier. Huwa qal li kien jadotta stil fejn kien ikollu komunikazzjoni kemm mas-*CEO* u anke mall-kumplament tal-impjegati sabiex ikun infurmat sew x'qed jigri mil-lat amministrattiv. Wara huwa ghadda sabiex ta deskrizzjoni komprensiva tad-doveri ta' *Custodian*.
Ix-xhud qal li filwaqt li mall-grupp tal-kustodji kellu kuntatt kontinwu u dirett fejn dawn kienu jitkellmu mieghu fuq proposti, idejat, min-naha ta' Farrugia kien izomm distanza minnu. Huwa qal li kien ikollu hafna *complaints* mill-*custodians* fuq Farrugia. F'dan ir-rigward semma r-*releavers systems* fejn *custodian* kien ikun irid jirriplejsja iehor f'kaz li dan ikollu bzonn iwarrab ghal xi ftit hin u dwar li hu stess kien jara lil Farriugia hafna barra mill-Katidral waqt il-hin tax-xoghol.
Dwar l-ewwel wahda x-xhud qal li hemm diversi *custodians* ihossuhom intimidati mill-komportament ta' Farrugia lejhom u jibzghu minnu. Hawnhekk ix-xhud irrijafferma li wahda minn dawn li kienet stqarret mieghu li kienet tibza' mill Appellant kienet propju Catherine Falzon Galea, fejn dwar l-Appellant hija kienet stqarret mieghu (max-xhud) '... jekk hu jghidli noqghod rasi l-isfel u saqajja l-fuq noqghod'.
Dwar x'kienet tghidlu Marlene Hess, ix-xhud stqarr li hija aktar minn darba kienet qaltlu li hi biss kellha l-kuragg tiffaccjah lill-Appellant u tkellmu b'mod

skjett, ghax hi kienet urtata b'certi affarijiet. Huwa qal li Ms. Hess kienet tipprezenta ruhha bhala *leader* fi hdan il-grupp.

Dwar hrug tieghu minn fuq il-post tax-xoghol x-xhud stqarr li bejn sitt u tmien darbiet kien icempel lis-*CEO* ghaliex kien jarah barra waqt il-hin tax-xoghol. Ix-xhud tenna li jinsab konvint li kull meta kien jigbed l-attenzjoni tas-*CEO* dwar dan, hija min-naha taghha kienet tkellmu lil Farrugia.

Huwa semma' wkoll episodju fejn kien dahal rapport li Farrugia kien daghha u tkellem hazin fic-Chapel of the Blessed Sacrament.

Ix-xhud spjega li l-Kunsill li kien maghmul minn membri tal-Knisja wkoll kien jadotta stil ta' tolleranza, '...kien hemm sens ta' ahfrulu, niehdu pacenzja bih...' approccju li jista' jkun li kien kontro-produttiv. Ix-xhud stqarr li l-Kunsill qatt ma hass li kellu jitkellem direttament ma' l-Appellant dwar dan izda kien jaghti direzzjoni lis-*CEO* sabiex titratta s-sitwazzjoni hi.

Dwar l-istallazzjoni ta' arja kundizzjonata, x-xhud qal li l-Fondazzjoni ghad ma ghandiex pariri konklusivi minn esperti dwar tali stallazzjoni, dan fis-sens li sistema ta' klima kundizzjonata taf taghmel hsara permanenti lill-*artifacts* u gojelli. Ix-xhud sostna l-fehma tieghu li l-impjegati jafu bis-sensittivita tal-post tax-xoghol taghhom fir-rigward tal-implikazzjonijiet ta' decizjoni li taqbad u tinstalla apparat ta' arja kundizzjonata.

Ix-xhud qal li meta sehhet it-tkeccija mill-impjieg tal-Appellant huwa kien Kunsillier tal-Fondazzjoni. Huwa qal li s-*CEO* kienet infurmatu dwar dan b'mod telefoniku u kien qalilha sabiex din id-decizjoni li hu kien qabel maghha tressaqha quddiem il-Kunsill.

Huwa qal li quddiem il-Kunsill is-*CEO* kienet tat deskrizzjoni estensiva tal-incident u tal-fatt illi hi hassitha li m'ghandiex aktar kontroll fuqu (fuq Farrugia). Ix-xhud qal li dwar id-decizjoni tas-*CEO* li l-impjieg ta' Farrugia ikun mitmum, hu u l-membri tal-Kunsill '...dehrilna li kienet id-decizjoni gusta...'. Huwa qal li l-Kunsill ma kienx dehrlu li kien hemm il-htiega li Farrugia jidher quddiemhom, u li sa fejn jaf hu l-anqas Farrugia qatt ma talab li jsir dan.

Ix-xhud sostna li qabel saret it-tkeccija ta' Farrugia l-Kunsill ma kienx iddiskuta l-kaz. Huwa qal li l-*Head Custodian* kienet tinfurmah li hija tkun kellmet lil Farrugia dwar xi nuqqas, fejn bhala ezempju semma meta darba din kienet xammitlu (lil Farrugia) riha ta' alkohol.

Dwar l-ilmenti ta' Farrugia fir-rigward ta' shana fejn huwa anke ipprezenta certifikat mediku li jimpedih milli jahdem f'dak l-ambjent, ix-xhud qal li lilu personali minkejja li kien disponibbli hafna, qatt ma kellmu dwar dan. Ix-xhud tenna li sa fejn jaf hu, Farrugia kien l-uniku impjegat li ipprezenta certifikat mediku dwar din l-*issue* ta' shana.

Ix-xhud kompla li s-*CEO* gieli kienet tghidlu '*in confidence*', li meta kienet twissi lil Farrugia dan kien jghidilha li huwa ghandu l-kuntatti u ghandu min jaqbez ghalih hemm fuq, minghajr ma jindika l-ismijiet u kienet thossha ntimidata.

**Cynthia De Giorgio** xehdet kemm b'mod verbali u anke permezz ta' affidavit. Hija bdiet billi qalet li hija ilha mpjegata mas-Socjeta' ntimata sa mill-2005, fil-bidu bhala kuratur u fl-2007 giet appuntata ukoll bhala *CEO*, u cjoe' taqdi z-zewg funzjonijiet.
Hija tat deskrizzjoni tar-rwol ta' *CEO* fejn fost affarijiet ohrajn tattendi u tipprepara flimkien mall-President l-agenda ghall-laqghat tal-Kunsill.
Hija qalet li lil Farrugia saret tafu bhala *custodian* appena qabdet tahdem hemm. Ix-xhud spjegat li r-*roster* tax-xoghol assenjat lill-*custodians* jigi mfassal mill-*Head Custodian* Maurice Grixti. Hija qalet li meta kien ghadu fl-impjieg l-Appellant il-*compliment* tal-kustodji kien xi 27.
Wara hija ghaddiet tispjega s-sistema tar-*releaver* li principarjament kienet il-mod kif *custodian* jidhol minflok iehor li jkun illarga waqt il-hin tal-*break*. Hija spjegat li l-*Head Custodian* jiddeciedi permezz ta' *roster* min minn fost il-*custodians* f'kull jum partikolari jkun *releaver*. Hija spjegat li mhux kull *custodian* kien ikun *releaver* u bhala fatt qalet li Farrugia qatt ma kien ried li jkun *releaver*. Ix-xhud qalet li r-relazzjoni taghha ma' Farrugia tqisha bhala wahda normali pero' stqarret li sa mill-bidu ttendiet li huwa ghandu karattru aggressiv, fejn kien malajr jizbroffa, jghajjat.
Jekk hemm bzonn jhedded u anke maledukat. Hija ddeskriviet li tali mgieba ghal Farrugia kienet normali. Hija sostniet li tali komportament kien jurih meta kienet tkellmu dwar xi lment li kienu jaghmlu l-kollegi tieghu u gieli anke minn xi gwida tat-turisti. L-ilmenti kienu jkunu dwar il-manjiera aggressiva kif jindirizza lin-nies.
Hija qalet li dwar dawn l-ilment kienet tkellmu, twissih u anke tavzah li ma jistax igib ruhu b'dak il-mod. Hija qalet li kellu numru ta' *warnings* gieli verbali u drabi ohra bil-miktub, li fl-ahhar wasal ghall-*Disciplinary Board* fl-2011, fejn kien mixli li waqt li kien fil-Kappella tas-Sagrament permezz tat-telefon kellem xi nies b'mod aggressiv bl-uzu ta' lingwagg mhux xieraq. Dan wara rapport li kien waslilha minghand il-*Head Custodian*. Hija qalet li matul it-trattazzjoni ta' dan il-kaz, Farrugia kien assisstit minn Dr. John Bonello. Fir-rigward ta' dan il-kaz, ix-xhud qalet li l-Kunsill kien rega' ddiskuta l-kaz u ddecieda li jaghtih cans iehor.
Ix-xhud tenniet li insegwitu ta' din id-decizjoni hija kienet ghenet lil Farrugia sabiex itejjeb l-imgieba tieghu u jaghmel xogholu sew.

Hija tenniet li b'hekk hasbet li ser jissolvew il-problemi li kellu mall-kollegi. Ix-xhud stqarret li r-rapport konklussiv li kien ghamel il-Bord ta' Dixxiplina ma kienx wasal ghandha, izda seta' mar jew ghand xi *Council Member* jew ghand il-President.

Ix-xhud sostniet li ghal xi zmien l-imgieba tieghu verament tjiebet, izda fl-ahhar sentejn qabel it-tkeccija regghet bdiet tmur ghall-aghar. Hija tenniet li huwa beda rega' jabbuza mill-*breaks*, jillarga mill-Katidral x'hin irid u rega' beda jkun arroganti ma' shabu. Hija sostniet li kienu diversi d-drabi li wissietu li jekk ser ikompli b'dan l-atteggament kien ser jispicca jitkecca.

Hija tenniet li meta kienet twissieh dan kienet taghmlu fil-presenza tal-*Head Custodian*. Hija stqarret li minkejja li kienet tipprova tkellmu bil-kelma t-tajba, meta kienet twissieh mhux darba rrispondieha li hu hemmhekk jaghmel li jrid ghax ghandu min jaqbez ghalih. F'dan il-kuntest spjegat li meta kien johrog ghall-*break* gieli dam saghtejn biex jigi lura.

Ix-xhud kompliet li f'Lulju 2017, beda jirrapporta ghax-xoghol ghajjien u nervuz aktar mis-soltu u meta kellmitu dwar dan hu wegibha li kien qed jaghmel iljieli ma jorqodx ghaliex kien qed jahdem bit-*taxi*.

Wara x-xhud ghaddiet tirrakkonta ncident li kien sehh nhar it-8 t'Awwissu 2017, fejn hija kienet tat ordni diretta lil Farrugia peress li dakinhar inzerta xoghol hu hemmhekk, sabiex il-bieb li jaghti ghall-Muzew jinzamm maghluq. Hija spjegat li hu ma accettax li jaghlqu, fost ghajjat, uzu ta' kliem hazin u tferfir t'idejh ma' wiccha. Dakinhar il-bieb inghalaq minn Ant.Casha bic-cwievet jittiehdu l-ufficcju taghha.

Dwar l-idea li fir-*roster* tal-Oratorju isir bdil siegha siegha, x-xhud qalet li kuntrarjament ghal dak li xehed l-Appellant dan is-suggeriment kien sar mill-kollegi tieghu tant li kienu pprezentawh fuq karta ffirmata.

Hija kompliet li tant qablet ma' dan is-suggeriment li nhar il-21 t'Awwissu 2017 harget *internal memo* f'dak is-sens. Tenniet li Farrugia kien irrifjuta li jahdem b'dak il-mod u meta nsistiet mieghu li kellu jobdi dik l-ordni kien ipprezenta certifikat mediku maghmul mit-tabib tieghu dwar kundizzjonijiet li kellu. Ix-xhud sahqet li din kienet skuza biex jiggustifika l-insubordinazzjoni tieghu u fic-cirkostanzi talbitu sabiex tali certifikazzjoni ssir minn specjalista, xi haga li qatt ma ghamel. Ix-xhud stqarret li minkejja dan huwa xorta baqa' jirrifjuta li jsegwi din id-direzzjoni.

Ix-xhud qalet li nhar id-29 t'Awwissu giet infurmatha li Farrugia rega' rrifjuta li jahdem fl-Oratorju. Hija sostniet li wara li wissietu sabiex imur jaghmel xogholu huwa beda jghajjat u qalilha 'Jien mhux ha nobdi l-ordinijet tieghek u dik il-karta li wahhalt mall-hajt mhux ha nsegwiha'.

Hija stqarret li dan id-diskors Farrugia qalu quddiem kustodji ohra u fil-presenza ta' turisti.
Hija qalet li f'dawk ic-cirkostanzi hassitha li kienet qed tigi sfidata u li dak il-hin li keccietu nzerta kien hemm Mons.Camilleri l-President tal-Kunsill li kien qabel mad-decizjoni li kienet hadet.
Aktar tard hija spjegat li meta ordnat lil Farrugia sabiex jitlaq il-barra mill post tax-xoghol Mons.Camilleri ma kienx hdejha, izda kien gie ftit wara u kien meta rrakkontatlu x'kien gara huwa (Mons.Camilleri) kien qabel mad-decizjoni li hadet.
Hija qalet li fil-laqgha tal-Kunsill ta' nhar il-15 ta' Settembru approva formalment id-decizjoni li hi kienet hadet li jintemm l-impjieg ta' Farrugia.
Hija spjegat li l-Kunsill kien taha direzzjoni sabiex l-ittra tat-tmiem tal-impjieg taghmilha bl-assistenza tal-avukat.
Ix-xhud qalet li nhar l-1 ta' Settembru il-*Head Custodian* qaltilha li l-Appellant Farrugia kien waqqafha fi Triq ir-Repubblika u qalilha 'jien 100 % bomba u wassal dan il-messagg lil Cynthia deGiorgio'.
Hija stqarret li wara li gie terminat l-impjieg tieghu, Farrugia xorta wahda baqa' jigi fil-vicinanzi tal-Katidral fejn gieli anke habtet mieghu fuq iz-zuntier. Hija tenniet li kemm hi u anke impjegati ohra kienu qed ihosshuom intimidati bil-presenza tieghu tant li nhar it-13 ta' Settembru marret taghmel rapport lill-Pulizija. Sostniet li minn dak0nhar ma baqax jaghmel hekk u wara anke waslitilha ittra ta' skuza minghandu. Qalet pero' li dan l-ahhar rega' beda jersaq lejn il-vicinanzi tal-Katidral u jgib ruhu bhal qabel.

**Anthony Casha** beda billi qal li huwa ilu jahdem mas-Socjeta' ntimata 33 sena, fil-bidu bhala kustodju, wara bhala *Medium Officer* u llum jokkupa l-kariga ta' *General Administration Officer*. Huwa qal li ilu jaf lill-Appellant kemm ilu jahdem hemmhekk fejn ghamlu 20 sena bhala kustodji.
Ix-xhud ta rendikont ta' kif kien isir ix-xoghol matul is-snin u kif kien jigi assenjat ix-xoghol mill-kuratur, a bazi ta' *roster*, u fejn kull kustodju ghandhom *guidelines* ta' kif igibu ruhhom Huwa tenna li r-relazzjoni lavorattiva mall-Appellant kienet wahda tajba. Ix-xhud kompla li kien hemm zmien meta l-*Head Custodian* kien jiffunzjona ukoll bhala *Head Security*.
Ix-xhud qal li kien jinnota li fl-operat tieghu, l-Appellant kien juza certa aggerssivita verbali kemm mall-vizitaturi u anke mall-kollegi kustodji. Huwa spjega li l-kustodji kienu jilmentaw mieghu dwar l-imgieba ta' Farrugia lejhom u anke dwar il-fatt li l-*break* li kien jiehu kien ikun itwal milli suppost. Ix-xhud qal li dwar dawn l-ilmenti li kienu saru fuq medda ta' snin, huwa kien jghaddihom lill-*Head Custodian*.

Ix-xhud irrakkonta episodju fiz-zmien li kien ghadu kustodju fejn certa Adelide Borg li kellha *Souvenir Shop* vicin il-Muzew, kienet qaltlu li Farrugia kien jaghmel pipi fit-terrazzin. Huwa qal li dwar dan kien kellem lil Farrugia bhala kollega kustodju u anke lill-kuratur ta' dak iz-zmien John Muscat Drago.
Huwa kompla li nhar it-23 t'Awwissu, kien nizel flimkien mas-*CEO* fejn prezenti kien hemm ukoll Mons.Victor Zammit McKeon sabiex ikellmu lil Farrugia dwar il-kontenut ta' *Internal Memo* li kienet inharget u li permezz taghha kien hemm direzzjoni sabiex il-kustodji li jkunu assenjati fl-Oratorju jibdew jinbidlu kull siegha minhabba s-shana.
Huwa qal li lmenti dwar is-shana kien jircevihom minghand il-kustodji stess u kien jghaddihom lill-*Head Custodian* u gieli anke lis-*CEO*.
Ix-xhud kompla li fis-sajf l-uniformi tal-kustodji kienet qmis bil-kmiem qosra minghajr ingravata u qalziet twil. Ix-xhud kompla li meta kien ikun hemm xi vizitatur diffikultuz kienet tintalab l-assistenza tal-*Head Security*. Huwa spjega li dan kellu l-ufficcju fuq fejn fuq id-*desk* kellu *monitors* li kienu kollegati ma' *CCTV Cameras* differenti sabiex huwa jkun jista' jissorvelja waqt li jkun ghaddej bix-xoghol tal-ufficcju. Ix-xhud kompla li Farrugia kien qal li ma jridx jodbi dik id-direzzjoni ghaliex ma kienx jaqbel maghha. Ix-xhud kompla li Farrugia kien oggezzjona ukoll kontra l-ordni li l-bieb iz-zghir li mill-Muzew ghall-Oratorju jinzamm maghluq minhabba li kien qed isir xoghol ta' kostruzzjoni. Dwar dak li sehh nhar id-29 t'Awwissu, x-xhud qal li s-*CEO* kienet stiednet lilu u lill-*Head Custodian* fejn nizlu jkellmu lil Farrugia dwar il-fatt li ma riedx jimxi fuq l-ordni li l-kustodji jinbidlu kull siegha waqt li jkunu fl-Oratorju.
Huwa kompla li dak il-hin Farrugia kien qed jitkellem fuq il-mobajl bil-qieghda fuq bank, f'dan il-kuntest ix-xhud kompla li l-kustodji ma jistghux juzaw il-mobajl li waqt il-qadi ta' dmirijiethom. Huwa tenna li f'dak il-hin is-*CEO* kienet kellmitu bil-kalma sabiex jobdi l-ordni u jmur jahdem fl-Oratorju, izda huwa (Farrugia) qalilha '....jiena mhux ser nobdi l-ordni tieghek'. Ix-xhud kompla li meta Farrugia rrisponda lis-*CEO* hekk, hija qaltlu li din hija insubordinazzjoni u qaltlu sabiex jitlaq il-barra mill-post, mill-KonKatidral.
Ix-xhud ikkonferma dokumenti/dikjarazzjonijiet esebiti li kienu jigibu l-firma tieghu u li kienu jindikaw nuqqasijiet ta' Farrugia. Huwa qal li dawn id-dikjarazzjonijniet/rapporti kien kitibhom fil-bidu ta' Awwissu, fuq talba tas-*CEO*, biex jikteb x'ikun sehh f'dik il-gurnata fejn ikun hemm bzonn li jsir rapport. Dwar x'jaf dwar dak li kiteb fir-rapporti, huwa wiegeb li f'xi whud kien ikun hu prezenti u f'xi kazi ohra kien kiteb dak li qalu kustodji ohra meta hu ma kienx ikun prezenti.

Huwa tenna li kien zgur prezenti nhar it-23, 26 u propju fid-29 t'Awwissu meta Farrugia kien gie mkecci. Huwa qal li ma kienx prezenti nhar il-31/8 u 1/9. Dwar x'sehh fit-13 ta' Settembru huwa qal li f'xi hin kien prezenti.
Ix-xhud stqarr li qatt qabel ma kien inghata ordni sabiex jibda jaghmel rapporti bil-miktub fuq xi mpjegat iehor.
Ix-xhud qal li kien jaf li l-Appellant kien ipprezenta certifikat mediku dwar problema ta' pressjoni.

**Marie Bartolo** bdiet ix-xhieda taghha billi qalet li ilha tahdem mas-Socjeta' ntimata hdax-il sena, fil-bidu bhala kustodja u fl-ahhar sentejn bhala *Head Custodian*.
Hija qalet li lill-Appellant tafu fuq il-post tax-xoghol bhala kustodju. Hija kompliet billi tat deskrizzjoni tax-xoghol li jsir minnha u mill-kustodji nkluz il-hrug tar-*roster* bix-xoghol assenjat li kienet issir minnha u li kopja ta' tali roster kienet tinghata lill-kustodji.
Ix-xhud qalet li kustodji ohra kienu jilmentaw li Farrugia kien ikun irid jiccaqlaq minn postu l-hin kollu. Hija spjegat li kien ikun hemm kustodju li kien ikun *rostered* jaghmilha ta' *releaver*, pero' filwaqt illi l-kustodji kollha kienu jkunu f'dan ir-*roster*, Farrugia ma kienx ghaliex huwa ma kienx ikun irid joqghod *releaver.*
Ix-xhud qalet li meta hija kienet ghadha kustodja u kienet taghmilha ta' *releaver* ta' Farrugia dan gieli kien jigi tard izda mhux hafna. Hija qalet li filwaqt illi l-kollegi taghha kienu jghidu li kienu jibzghu jkellmuh lil Farrugia ghax kien jirrabbja/jghajjat maghhom hija ma kienetx tibza'. Hija tenniet li '..jiena kont narah jaghmel li jrid..'.
F'dan il-kuntest bhala ezempju, hija qalet li meta kienet ghadha kustodja, nhar ta' Sibt fejn il-*break* kien ikun ta' 10 minuti, Farrugia kien idum nofs siegha/ tlett kwarti. Hija stqarret li dwar dan qatt ma ghamlet rapport '..ghaliex kullhadd kien jittollerah.'. Ix-xhud stqarret li minn meta nhatret *Head Custodian*, lilha qatt hadd ma ghamlilha rapport dwar xi nuqqasijiet ta' Farrugia.
Dwar meta kienet ghadha kustodja u xi drabi s-Sibt meta kien jirritorna mill-*break* kienet ixxomlu riha ta' birra, x-xhud qalet li kienet tkellmu pero' qatt ma rraportat xejn.
Ix-xhud kompliet li f'Awwissu 2017, meta kienet imsiefra, l-kustodji kienu ghamlu ittra u pprezentawha lis-*CEO*, ghaliex xtaqu li meta jkunu xoghol fl-Oratorju jinbidlu kull siegha u nhareg *Memo* f'dak is-sens.
Hija kompliet li nhar il-21 t'Awwissu 2017, kienet nizlet mas-*CEO* u ma' Ant.Casha u raw lil Farrugia fuq bank juza l-*mobile*, meta dan suppost li kien assenjat jahdem fl-Oratorju.

Hija kompliet li meta s-*CEO* qaltlu biex imur f'postu, Farrugia wegibha 'jiena ma niehux ordnijiet minghandek'. Hija kompliet li dlonk Farrugia qam minn postu u s-*CEO* qaltlu '...mela qed nordnalek, qed inkeccik'.

**Tabib Keith Cardona** beda x-xhieda tieghu billi qal li huwa jahdem bhala tabib Hal-Qormi u li l-Appellant ilu pazjent tieghu ghal dawn l-ahhar 10 snin. Huwa kkonferma li c-certifikat mediku abjad li gie muri kien ghamlu hu u dan kien l-ahhar wiehed li kien ghamel lill-Appellant.
Huwa qal li jaf li l-Appellant kien ibati bi pressjoni gholja u li kien qed juri elementi ta' distress li setghu kienu mqanqla mill-post tax-xoghol u dan forma ta' qtugh ta' nifs, palpitazzjonijiet u kien *very anxious*.
Huwa tenna li jaf li dawn huma kundizzjoninjiet li jistghu jaghmlu l-pressjoni tieghu aghar. Huwa qal li wasal ghall-konkluzjoni li dawn setghu kienu konnessi max-xoghol fuq dak li kien qallu l-Appellant. Huwa ssokta li dwar il-post tax-xoghol ma kien jaf xejn dwaru.
Ix-xhud spjega li l-istat tal-pressjoni tal-Appellant li kien ilu jbati biha ma kienx qed jattribwija ghall-post tax-xoghol, izda l-konnessjoni kienet dwar il-qtugh ta' nifs u *dizziness*, fejn semma xi shana.

**Adriana Alescio** bdiet billi qalet li hija *conservator restorer* fil-Kon-Katidral ta' San Gwann, b'focus primarju fuq il-bicciet tal-arti. Hija spjegat li t-temperatura medja kienet tkun ta' 29.5 gradi, u li f'Awwissu 2015 l-ghola temperatura kienet ta' 31 lejn is-14.00 u l-anqas kienet ta' 28. F'dan il-kuntest ix-xhud qalet li temperatura ideali ghal bicciet tal-arti specjalment dawk taz-zejt fuq il-kanvas, tkun ta' bejn 19-24 gradi. Hija tenniet li l-istudji taghha jidentifikaw stat komdu ghal arti u mhux ghan-nies. Qalet ukoll li l-effetti ta' kemm ikun hemm persuni f'daqqa ma jaffettwax ir-rizultati ta' l-istudji taghha ghaliex il-post huwa kbir. Hija spjegat li l-bdil fit-temperatura u l-livell ta' umdita kienet dipendenti mill-istagun u mhux mill-volum tal-persuni prezenti fil-lok. Hija sostniet li l-hsieb li jigi stallat apparat li jikkontrolla t-temperatura m'huwiex kondizzjonat mill-ispiza izda minn aspetti ta' l-effetti li tali nstallar bhal pajpijiet u *drainage* fuq dan il-bini storiku.
Hija spjegat il-funzjoni taghha fejn anke tassisti lill-Kuratur fir-ricerka u studji. Dwar studju dokumentat li gie pprezentat mis-Socjeta' Ntimata waqt dan il-process, ix-xhud qalet li dak id-dokument kienet ghamlitu hi wara studju li kienet ghamlet sabiex tkun imkejjla l-umdita/temperatura f'partijiet varji fejn hemm l-*artefacts*. Hija qalet li t-temperatura tvarja skont l-istaguni bl-aktar gholja tkun fix-xhur tas-sajf. Hija qalet li dan l-istudju huwa ghal bejn 2015-17.

Hija tenniet li dan l-istudju kien sar esklussivament sabiex ikun sorvejlat l-effetti li kellu l-ambjent fuq l-*artefacts.*
Alescio stqarret li b'mod kazwali xi kustodji nkluz l-Appellant gieli lmentaw maghha kemm fuq is-shana tas-Sajf u anke fuq il-kesha fix-Xitwa.
Hija qalet li taf lill-Appellant peress li kien kustodju fiz-zmien li hija kienet tahdem hemm.
Ix-xhud kompliet li bejn Mejju u Settembru ta' kull sena kienu jintuzaw numru ta' fannijiet u meta l-Appellant kien ilmenta maghha, hija kienet tkellmet mall-Kuratur/*CEO* f'sens ta' lment generali u kienu zdiedu l-fannijiet u kien tnaqqas in-numru tal-grupp ta' vizitaturi minn 50 ghal 30.

**John Schembri** beda billi qal li huwa l-*Managing Director* ta' Shield Consultants Ltd, fejn jaghtu servizzi ta' *Risk Management* lill-klijenti, partikolarment fis-settur tas-sahha u sigurta' fuq il-post tax-xoghol fejn jaghmlu *risk asessments*. Huwa qal li l-Kon-Katidral ta' San Gwann huwa klijent tal-kumpanija tieghu u dan sa minn 2009/10.
Meta huwa gie muri ntitolat *Occupational Health & Safety and Fire Risk Assessment January 2017*, ix-xhud qal li huwa jaghraf li dak id-dokument inhareg f'isem il-kumpanija tieghu u kien sar mill-konsulent taghhom Edmond Vella li ma kienx ghadu jahdem maghhom.
Huwa spjega li d-dokument/rapport ikun iffirmat ukoll mill-impjegati li jkunu gew konsultati waqt l-istudju, u dan isir bhala affermazzjoni li l-kontenut tar-rapport ikun gie spjegat lilhom u bhala accettazzjoni tar-rapport.
Ix-xhud wara ghadda sabiex jispjega b'certu dettall kif isir tali assesjar ta' perikli fuq il-post tax-xoghol. Meta mistoqsi b'mod dirett dwar is-shana, huwa spjega d-differenza netta bejn livell ta' shana li jdejjqek u livelli ta' shana perikoluzi bhal ezempju ta' fran, *silos* tal-qamh.
Ix-xhud spjega li tali assessjar isir f'kuntest generali u mhux fuq xi sitwazzjoni ta' xi persuna ndividwali sakemm ma jkunx gie identifikat li jrid isir assessjar ad hoc minhabba xi kundizzjoni ta' xi persuna partikolari. Huwa tenna li fil-kaz ta' dak li sar fil-Kon-katidral ma kienetx saret xi talba sabiex isir assessjar minhabba xi persuna ndividwali.
Specifikament meta mistoqsi dwar il-fatt li fl-Oratorju tal-Kon-Katidral f'Awwissu t-temperatura tkun 29-31 gradi, x-xhud qal li din hija temperatura normali izda daqsxejn gholja, pero' mhux *hazard*. Huwa qal li f'dak il-kaz ikun rakkomandabbli li ssir rotazzjoni tal-impjegati.
Dwar ir-rapport ittrattat, ix-xhud qal li kien iddiskutieh ma' Edmond Vella u ma jiftakarx *at no point in time* li Vella rrileva l-periklu tas-shana fuq il-post tax-xoghol.

**Catherine Galea** bdiet billi qalet li hija tahdem mall-Konkatidral bhala *Custodian* u bejn *P/T* u *F/T* ilha hdax-il sena u nofs. Hija qalet li lill-Appellant tafu bhala kollega fuq ix-xoghol.
Hija spjegat li per se ma tkunx mieghu waqt il-qadi ta' dmirijieta peress li hija *Ticket Operator*, pero' taf li huwa nervuz u jitlalu u jinzillu malajr. Sostniet li meta kien ikun bin-nervi kien ibezzaha ghax hi bniedem nervuz ibezzaha.
Hija qalet li l-hin tal-*break* tieghu kien itwal minn ta' kullhadd. Hija tenniet li dwar dan gieli semghet kummenti minghand shabha kollegi. Hija qalet li sa fejn taf hi l-Appellanti ma kienx jaghmilha ta' *Releaver*.
Hija qalet li fis-sajf kullhadd gieli lmenta li kien ihoss is-shana ghaliex fil-post taghmel hafna shana.

**Marlene Hess** bdiet billi qalet li hija tahdem mall-Konkatidral bhala *P/T Custodian* ilha hdax-il sena u nofs. Hija qalet li lill-Appellant tafu bhala kollega fuq ix-xoghol. Hija qalet li ma tiftakarx jekk l-Appellant qattx ghamilha ta' *Releaver* u ma tiftakarx li qatt ratu *Releaver*. Hija tenniet pero' li kull meta kellha bzonn twarrab ghal xi ftit hin l-Appellant dejjem gie jibdilha u dan kien jaghmlu minghajr tgergir. Hija sostniet li filwaqt li l-*break* taghha kien 20 minuta dwar l-Appellant qalet li '...gieli kien idum tlett kwarti, gieli siegha...'. Hija qalet li tahseb li s-superjuri kienu jafu b'dan.
Dwar l-attitudni tal-Appellant hija wiegbet li maghha kien tajjeb, ghajr darba xi sitt snin qabel fejn kien gholla lehnu maghha meta kellhom argument zghir.
Dwar meta dahlet is-sistema tar-*rotation*, ix-xhud qalet li meta dahlet hija ma kienetx xoghol u sa fejn taf hi l-ghada l-Appellant kien gie *dismissed*.
Dwar l-ittra li kienu ffirmaw hi u xi kollegi ohra, x-xhud qalet li din kienet dwar is-shana fl-Oratorju fejn kienu talbu sabiex jigu stallati xi *A/Cs*, izda qalet ukoll li f'dan il-lok hemm stallati xi sitta/ sebgha *standing fans*.
Hija stqarret li din l-ittra kienet inkitbet wara li kienet iddahhlet is-sistema tar-*rotation* siegha siegha. Hija qalet li l-Appellant b'mod kazwali gieli tkellem maghha dwar li jbati bil-pressjoni, u tenniet li anke hi tbati bid-dijabete, pero' qatt ma pprezentat certifikazzjoni medika lill-*Management* dwar din il-kundizzjoni in relazzjoni mas-shana fuq il-post tax-xoghol.

**Mario Grech** beda x-xhieda tieghu billi qal li huwa ilu jahdem mall-KonKatidral ghal ftit aktar minn 6 snin bhala *P/T ICT Assistant* u jaghmel ukoll xoghol ta' kustodju xi 3 darbiet fix-xahar, u jaf lill-Appellant bhala ex-kollega fuq ix-xoghol, fejn ir-relazzjoni tieghu mieghu kienet

wahda normali. Ix-xhud irrakkonta episodju fejn darba waqt *staff meeting* fejn l-Appellant ma kienx prezenti hu u xi kollegi ohra kienu tkellmu dwar *museum custodian* u l-*breaks* itwal minn taghhom li kien jiehu.
Huwa spjega kif darba kien tkellem mall-*Head Custodian* li dak iz-zmien kien Montebello u dan kien gharrfu li l-Appellant kellu *break* differenti minn ta' haddiehor tant li kien gie dirett minn Montebello sabiex jibghatu *break* bejn is-13.00 u s-14.00. Huwa stqarr li kien twaqqaf milli jkompli jitkellem dwar dan mill-*Head Custodian*. Huwa qal li dakinhar stess wara l-hin tax-xoghol kien cempillu l-Appellant fuq il-mobajl tieghu u beda jkellmu b'ton ta' wiehed urtat fejn staqsih '...x'mort tghid ghax ma kontx hemm jien'. Ix-xhud kompla li dwar din it-telefonata kien kellem lil Montebello dwar kif l-Appellant kien jaf x'intqal fil-laqgha meta huwa ma kienx hemm u dwar kif dan (l-Appellant) kien gab in-numru tal-mobajl privat tieghu. Ix-xhud kompla li Montebello kien qallu jekk kienx irid li dwar dan jinforma lil Mrs. Cynthia Degiorgo izda hu (x-xhud) qal li ma kienx irid jaghmel rapport formali. Ix-xhud tenna li ma jidhirlux li qatt ra lill-Appellant jaghmilha ta' *releaver*. Huwa kompla li gieli hadem ta' *custodian* fl-Oratorju u stqarr li hemmhekk fis-sajf kien ikun hemm stallati 6 fannijiet weqfin. Ix-xhud wara rrefera ghal dikjarazzjoni li hu u shabu kienu ffirmaw relatata mas-shana gewwa l-Oratorju, fejn kienu talbu li jibdew jigu mibdula kull siegha u li jigu stallati *A/Cs*. Huwa sostna li wara din id-dikjarazzjoni kienet iddahhlet is-sistema ta' rotazzjoni tal-kustodji kull siegha fis-sajf. Huwa qal li tgergir dwar is-shana kien isir kemm mill-impjegati u anke mit-turisti.

**Marica Muscat** bdiet billi qalet li hija ilha madwar 10 snin tahdem fil-KonKatidral u dan bhala *F/T Custodian/Cashier*. Hija qalet li lill-Appellant tafu bhala kollega tax-xoghol. Hija qalet li filwaqt li hija u shabha kienu jkunu fir-*roster* tar-*releaver* ma jidhirlix li huwa kien ikun. Hija ddeskriviet l-attitudni tal-Appellant bhala wahda normali. Hija semmiet li xi seba' snin qabel kellha argument mieghu u huwa kien irrappurtaha lil Mrs. Degiorgo, fejn din kienet kellmitha, izda wara skuzaw ruhhom u kollox gie ghan-normal.
Dwar il-*breaks* li l-Appellant kien jiehu, x-xhud qalet li dan kien jiehu *breaks* itwal minn taghhom il-kustodji, pero' ma tafx ghaliex kien hekk. Qalet biss li minn dejjem kien jigri hekk.
Dwar is-shana hija qalet li fis-sajf fl-Oratorju kien ikun hemm hafna shana fejn kien ikun hemm il-fannijiet. Meta saritilha referenza ghal xi nies li kienu gew sabiex jaghmlu xi studju dwar Health & Safety hija qalet li kienet taf li gew xi persuni ghaliex rathom izda lilha ma kienux kellmuha.

Ix-xhud stqarret li hija ma kienetx giet tixhed minn rajha izda ghaliex giet imharrka bhala xhud u dan ghaliex'...ma tkecciex minhabba fiha.'.

**Catherine Falzon Debono** qalet li hija ilha tahdem mall-Konkatidral 7 snin bejn *P/T* u *F/T* u dan bhala *Custodian*. Hija qalet li lill-Appellant tafu bhala kollega tax-xoghol, fejn ir-relazzjoni taghha mieghu kienet wahda normali.
Dwar l-istat ta' shana gewwa l-Oratorju, x-xhud qalet li darba hi u kollega ohra Rosalie Farrugia kien hasshom hazin fejn hadd ma kien ghamel kuntatt maghhom sabiex ikun jaf kif kienu ghaddew. Hija qalet li hi u l-kollegi kienu ffirmaw zewg ittri dwar is-sitwazzjoni tas-shana u kienu pprezentawhom lill-*Head Custodian*. Hija stqarret li minkejja li kienu saru dawn l-ittri qatt ma sar xejn dwarhom. Aktar tard qalet li in segwitu tal-ittra t'Awwissu 2017 kienet iddahhlet is-sistema tar-rotazzjoni tal-kustodji.
Hija qalet li meta tkecca l-Appellant hija kienet bil-*leave* u saret taf appena dahlet lura.
Meta saritilha referenza ghal xi nies li kienu gew sabiex jaghmlu xi studju dwar *Health & Safety* hija qalet li kienet taf li gew xi persuni izda lilha ma kienux kellmuha.

**Joseph Pace** beda x-xhieda tieghu billi qal li jahdem mall-KonKatidral bhala kustodju u bejn *P/T* u *F/T* ilu hdax-il sena. Huwa qal li lill-Appellant jafu fuq ix-xoghol u stqarr li r-relazzjoni bejniethom kienet wahda tajba u normali. Huwa qal li ma jiddeskrivihx bhala aggressiv izda kien negattiv.
Dwar il-*breaks* li kien jiehu l-Appellant ix-xhud stqarr li s'hawn kienu ftit itwal minn tieghu. Huwa qal li dwar dan qatt ma kien ilmenta.
Dwar id-doveri ta' *releaver*, ix-xhud qal li huwa u l-kustodji kollha barra l-Appellant kienu jkun *releavers*, pero' ma kienx jaf ghaliex kien hekk.
Dwar is-sitwazzjoni tas-shana fl-Oratorju, x-xhud qal li jiftakar li kien hasshom hazin kemm turisti u anke xi *custodian*, minkejja li kien hemm il-fannijiet. Huwa qal li meta kien ghadu jahdem maghhom l-Appellant kien iffirma ittra/lment dwar is-shana. Huwa ma jafx jekk l-Appellant kienx iffirmaha l-ittra pero' huwa kien jilmenta mieghu dwar is-shana. Huwa kompla li wiehed mis-suggerimenti mressqa kien li jibdew jinbidlu kull siegha. Huwa qal li dan kien gie attwat. Ix-xhud tenna li f'xi zmien qabel tkecca l-Appellant, il-bieb kien jinzamm maghluq minhabba li kien ikun ghaddej xi xoghol.
Dwar li kienu saru xi ezamijiet dwar *Health & Safety* ix-xhud qal li kien kellimhom dwar jistax isir xi haga minhabba s-shana.

**Dorothy Grech** bdiet ix-xhieda taghha billi qalet li hija tahdem bhala *P/T Custodian* fejn ilha 8 snin. Hija qalet li lill-Appellant tafu bhala kollega fuq ix-xoghol u fejn ir-relazzjoni bejniethom kienet ‘sahha u bongu’, xejn barra mill-ordinarju. Hija ddeskriviet lill-Appellant bhala forsi nervuz jitlalu.

Hija kompliet li filwaqt li hija taghmilha ta’ *releaver*, ma tafx li l-Appellant kien jaghmel dawn id-doveri. Dwar il-*breaks*, ix-xhud tahseb li dawk tal-Appellant kienu itwal minn taghha. Hija stqarret li meta kien qed isir l-istudju tal-*Health & Safety* kienu kellmu lilha u kollegi u ‘...ghidnilhom li ahna qeghdin nistennew ventilazzjoni u affarijiet hekk.’.
Dwar l-istat ta’ shana fl-Oratorju, x-xhud qalet li fl-aqwa tas-sajf kien ikun hemm is-shana, u dan kemm minhabba li kien hemm nuqqas ta’ ventilazzjoni u anke minhabba l-volum tan-nies prezenti. Hija stqarret li fil-lok ikun hemm 6 fannijiet.
Ix-xhud ikkonfermat li kienet iffirmat ittra dwar is-sitwazzjoni tas-shana u qalet li wara din l-ittra kienet bdiet tigi mhaddma s-sistema ta’ rotazzjoni tal-kustodji kull siegha. Hija spjegat li l-Appellant ma kienx qabel dwar il-mod kif kienet ser tithaddem ir-rotazzjoni. Mistoqsija jekk tafx jekk l-Appellant kienx obda din id-direzzjoni hija wiegbet li jekk tiftakar l-impjieg tieghu gie fi tmiemu propja dakinhar li bdiet tigi mhaddma din is-sistema.

**Rosalie Farrugia** bdiet ix-xhieda taghha billi qalet li hija ilha tahdem mall-KonKatidral ghal dawn l-ahhar 5 snin u dan bhala *P/T Custodian Cashier*
Hija ddeskriviet r-relazzjoni tax-xoghol ma’ l-Appellant bhala normali u sewwa. Hija qalet li l-Appellant ma kienx jahdem *releaver* u ma kienetx taf ghaliex. Hija spjegat li l-*breaks* ta’ l-Appellant kienu itwal minn taghha u kompliet li kemm il-kustodji u anke l-*Head Custodian* kien jaf li kien hekk.
Dwar l-ittra li kienu ffirmaw sabiex fl-Oratorju jibdew jinbidlu kull siegha, x-xhud stqarret li din kienet saret peress li meta kien inghalaq il-bieb tal-Oratorju kien ikun hemm hafna shana. Hija qalet li tali sistema kienet giet attwata. Hija qalet li fl-Oratorju m’hemmx *A/Cs*, izda kien hemm fannijiet li kienu jtaffu xi ftit mis-shana. Hija qalet li darba fis-sajf kien hassha hass hazin minhabba s-shana., kif kien gralha kollega taghha xi jumejn qabel. Hija qalet li ma tafx li l-Appellant xi darba kien hassu hekk ukoll.
Ix-xhud qalet li meta kien sehh l-episodju li fih l-Appellant kien gie mkecci hija kienet qed tahdem f’lok differenti u ma taf xejn dwar x’sehh dak il-hin.

**Maria Spiteri** bdiet ix-xhieda taghha billi qalet li ilha tahdem mall-Katidral ghal madwar 17 il-sena u dan bhala *P/T ICT Assistant*. Hija qalet fuq ix-xoghol li kellha relazzjoni tajba mall-Appellant.
Hija qalet li l-kollegi taghha gieli kienet tismaghom jilmentaw dwar is-shana u hija taf li kienu ffirmaw ittra dwar hekk.

**Tanya Andrews** bdiet ix-xhieda taghha billi qalet li hija ilha tahdem bhala *Custodian* ghal ftit aktar minn 4 snin, fil-bidu *P/T* u wara *F/T*. Hija qalet li taf lill-Appellant bhala kollega tax-xoghol. Hija qalet li r-relazzjoni taghha mieghu fuq ix-xoghol kienet wahda professjonali minghajr problemi. B'referenza ghall-*breaks* li kien jiehu l-Appellant hija qalet li kienu xi ftit itwal minn taghha pero' ghaliha ma kienetx tqiesha bhala xi haga relevanti. Hija qalet li kienet taghmel doveri ta' *releaver* pero' ma tahsibx li huwa kien jaghmel.
Dwar ir-rikjesta li kienu ffirmaw hi u shabha sabiex tkun adottata sistema ta' rotazzjoni fix-xoghol fl-Oratorju, x-xhud qalet li ma tafx ezatt meta kienet giet attwata jekk hux qabel jew wara li l-Appellant kien spicca mill-impjieg. Hija ddeskriviet l-introduzzjoni tar-rotazzjoni siegha siegha bhala wahda posittiva, b'mod partikolari fis-sajf.
Ix-xhud qalet li dakinhar tal-episodju fejn l-Appellant gie ordnat jitlaq mix-xoghol hija qalet li minn fejn kienet hi setghet tinnota li mkien hemm xi argumentar bejnu u bejn Mrs. Degiorgo pero' minn fejn kienet ma setghetx tisma' x'kien qed jintqal. Hija stqarret li f'dawk il-ftit mumenti li segwiet hija rat lil Degiorgo timxi wara l-Appellant.

**Joseph Saliba** xehed bhala rapprezentant tal-Jobsplus, fejn huwa pprezenta l-*Employment History* tal-Appellant.

**Mark Muscat** beda x-xhieda tieghu billi qal li huwa kien jahdem mas-Socjeta' ntimata bhala *PR Social Media Events*, fejn wara xi snin kien irrizenja minhabba xi kwistjoni relatata man-numru ta' sieghat li kien jahdem. Huwa qal li lill-Appellant jafu fuq ix-xoghol u kien jiltaqa' mieghu in konnessjoni max-xoghol tieghu, fejn dejjem sab koperazzjoni minnu.
Ix-xhud qal li meta kien jahdem hemmhekk hu Cynthia deGiorgio kienet is-*CEO*. Huwa tenna li deGiorgio kemm mieghu u anke ma' mpjegati ohra nkluz mall-Appellant gieli kien ikollha argumenti. Huwa ddeskriviha bhala li mhix persuna facli li tahdem maghha minhabba l-istil ta' tmexxija taghha.

**Aldo Briffa** beda billi qal li huwa jahdem bhala *Tourist Tour Guide* u li qabel il-Pandemija Covid-19, kien ikollu madwar tlett *tours* fil-Kon-Katidral. Huwa

kompla li hemmhekk kien jaf lill-Appellant, fejn kien jiehu hsieb id-dhul tat-turisti fil-Kon-Katidral. Huwa qal li f'dan ir-rigward l-Appellant kien jaghmel xogholu sew u gieli anke sabu ta' ghajnuna. Dwar it-temperatura fil-Kon-Katidral huwa tenna li kienet tkun kostanti, pjuttost *fresh*.

- **Sintesi tat-trattazzjonijiet tal-kaz**

**Avv. Phyllis Aquilina** ghan-nom tas-Socjeta' ntimata bdiet billi qalet illi tul is-snin illi l-Appellant kien impjegat mas-Socjeta' ntimata mhux l-ewwel darba illi kien hemm ilmenti fuq l-imgieba tieghu fuq il-post tax-xoghol. F'dan ir-rigward hija rreferiet ghal meta fl-2011 huwa kien ittella quddiem Bord ta' Dixxiplina fejn '*to everyone's surprise didn't result in anything,* ghaliex id-decizjoni baqghet qatt ma nghatat'. Wara hija ghaddiet ghal rendikont ta' kif fl-2017 kien hemm talba minn numru ta' mpjegati sabiex ikun hemm sistema ta' roster bejn il-kustodji li jahdmu fl-Oratorju tal-Konkatidral sakemm nhar is-16 t'Awwissu 2017 is-*CEO* harget *Memo* f'dak is-sens. Hija kompliet li nhar l-24 t'Awwissu t-Tabib privat tal-Appellant ghamel certifikat mediku fejn indika li minhabba li huwa (l-Appellant) ibati bil-pressjoni ma jistax jahdem fl-Oratorju. L-Avv Aquilina stqarret li dan ic-certifikat ma kien xejn hlief attentat biex jigi sultifikat l-ordni li kienet tat is-*CEO*.
Wara hija ghaddiet ghal x'sehh nhar id-29 t'Awwissu 2017 meta l-Appellant tkecca. Hija tenniet li dakinhar is-*CEO* kienet gidbet l-attenzjoni tal-Appellant li kien hemm ordni u li huwa ried jobdiha u hu sfaccatament qallha li ordnijiet minghandha ma jiehux u li ma kienx ser jobdieha. Hija sostniet li dan l-incident ta' subordination kien sehh quddiem diversi persuni. Incident li kien segwa episodju li l-Appellant kellu mas-*CEO* gimghatejn qabel. L-Avv. Aquilina sahqet li l-komportament tal-Appellant ma halla l-ebda alternattiva lill-*Employer* tieghu hlief li jkeccih.

**Avv. Kirk Brincau** ghan-nom tal-Appellant beda t-trattazzjoni tieghu billi qal li meta s-CEO nhar id-29 t'Awwissu 2017 kienet kecciet b'mod hesrem lill-Appellant ghamlet hekk meta ma kienx ghad kellha l-awtorita' li taghmel tali decizjoni tant li l-Kunsill tal-Membri tal-Fondazzjoni li tmexxi l-KonKatidral rratifika d-decizjoni tat-tkeccija nhar il-15 ta' Settembru.
Huwa sostna li dak li xehdet is-CEO u cjoe' li d-decizjoni li tkecci lill-Appellant kienet haditha fuq parir legali ma jregiex. L-Avv. Brincau fissser li f'dan ir-rigward kull parir legali zgur jinforma li l-Appellant kellu dritt jiddefendi ruhu, li jidher quddiem Bord ta' Dixxiplina. L-Avv. Brincau sostna

li anke li kieku l-Appellant inghata l-opportunita' li jaghti l-verzjoni tal-fatti quddiem il-Kunsill tal-Membri tal-Fondazzjoni dwar kif evolviet il-kwistjoni tar-*Roster* zgur illi huwa ma kienx jitkecca.

L-Avv. Brincau sahaq fuq id-dritt li mpjegat mixli b'akkuzi ghandu jkollu dritt li jiddefendi ruhu u huwa kkwota diversi decizjonijiet tat-Tribunal Industrjali, fosthom il-kaz ta' Pauline Basil Pace kontra l-MFA (76/2019FM) fejn l-MFA kienet iddecidiet li kienet hatja minghajr qabel ma tatha l-opportunita' li anke jekk trid bil-persuna tal-ghazla taghha tiddefendi b'mod xieraq il-kaz taghha'.
L-Avv. Brincau spjega li anke fuq il-mertu tar-ragunijiet li s-Socjeta' qalet li minhabba fihom tkecca, tali ragunijiet ma gewx ippruvati bhala gusti li huwa kellu jitkecca. Huwa semma bhala ezempju fejn l-Appellant kien jiehu break itwal minn shabu fejn mix-xhieda irrizulta li dan kien bi ftehim mas-Sur Montebello membru tal-*management.* Hawnhekk l-Avv. Brincau accenna li ghall-affarijiet li l-management irrefera ghalihom f'dan il-process bhala nuqqasijiet da parti tal-Appellant, affarijiet li pero' fil-konfront taghhom qatt ma ttiehdu passi.
L-Avv. Brincau ghalaq billi fakkar li s-*CEO* hadet id-decizjoni sommarja li tkecci lill-Appellant minhabba li huwa rrifjuta li jaghmel xoghol li kien ser ikun dannu ghal sahhtu, u dan meta kien hemm certifkat mediku li jindika dan l-istat. Certifikat sostna l-Avv. Brincau li s-*CEO* skartat ghaliex hasbet li l-opinjoni tagha kienet aktar ghaqlija minn opinjoni medika.

- **Kunsiderazzjonijiet tat-Tribunal**

Il-kompitu ta' dan it-Tribunal kien li jiddeciedi jekk it-terminazzjoni mill-impjieg tal-Appellant kienetx ghal raguni tajba u sufficjenti skond il-ligi. Dan ghamlu billi analizza l-fatti u xtarr bir-reqqa dovuta l-argumenti kollha mqajjma matul dan il-process, u dan kif gew sponuti mix-xhieda prodotta mill-partijiet u mid-dokumenti ntavolati.

Minn tali analizi dan it-Tribunal wasal ghall-konkluzjoni li fuq medda ta' zmien mhux qasir, l-Appellant kien thalla jkollu certu kundizzjonijiet tax-xoghol differenti minn ta' shabu, bhal '*breaks*' itwal u ma jaghmilx doveri ta' *releaver*.

Fejn filwaqt li matul dan il-process tali pratticitajiet gew deskritti min-naha tas-Socjeta' ntimata bhala nuqqasijiet abbusivi, mill-banda l-ohra ir-rejazzjoni

amministrattiva fil-konfront ta' tali pratticitajiet kienet tkun wahda kostantament klementi.

F'dan il-kuntest, it-Tribunal osserva b'certa perplessita li f'Ottubru 2011, Romualdo Farrugia kien tressaq quddiem Bord ta' Dixxiplina dwar allegat nuqqas u li dwaru sar accenn partikolari matul dan il-process, pero' rrizulta li l-ezitu ta' dan il-pass dixxiplinarju ma wassal ghal ebda mizura fil-konfront ta' Farrugia. Ghaliex sehh hekk, il-*Management* tas-Socjeta' biss jista' jghid. Li sehh zgur kien li l-Appellant baqa' jesegwixxi d-doveri tieghu kif kien jaghmel qabel.

Fl-istess kuntest it-Tribunal osserva wkoll ix-xhieda  ta' Wilfred Farrugia, President tal-Kunsill tal-Konkatidral fejn stqarr li 'l-Kunsill, li kien maghmul ukoll minn  membri tal-Knisja, kien jadotta stil ta' tolleranza, '...kien hemm sens ta' ahfrulu, niehdu pacenzja bih...',

It-Tribunal wasal ghall-fehma, li l-mod kwazi ndulgenti min-naha tal-*Management* fuq medda ta' snin ghal agir meqjus bhala ghan-nuqqasijiet imwettqa min-naha tal-Appellant, jista' jkun li bdiet tigi nterpretata mill-istess bhala zelqiet minuri.

Minghajr ma jkun qed jigi osservat, rispons legger min-naha tal-*Management* fil-konfront ta' nuqqasijiet repettittivi, jkun qed jattenwa l-kolpevolezza, u dan ghaliex galadarba dejjem 'qed tkun lenjenti ma jkunx gustifikat li meta tkun komdu tfaqqali kastigi horox'.

Is-Socjeta' ntimata bil-ghan li ssostni t-tkeccijja, semmiet episodji ta' nuqqasijiet varji, fejn xi whud minnhom imorru lura snin qabel it-tkeccija u ohrajn aktar vicin.

Bla dubju, fil-konfront tan-nuqqasijiet li ssemmew, inkluz l-ahhar nuqqas fejn l-Appellant gie mkecci mix-xoghol b'mod sommarju, l-Appellant seta' jigi penalizzat stante li jkun hemm osservanza tal-principju 'audi alteram partem', fejn huwa jinghata opportunita' li jiddefendi ruhu. Dan b'mod partikolari jekk fil-konfront tal-akkuzi kien qed ikun ikkontemplat li f'kaz ta' sejbien ta' htija tinghata l-ehrex penali u cjoe' t-tkeccija mill-impjieg. Penali li fil-qasam tar-relazzjonijiet industrjali hija meqjusa bhala l-piena kapitali.

Il-mod kif gie fi tmiemu l-impjieg tal-Appellant imur lil hinn ferm minn opportunita' ta' smiegh xieraq kif titlob l-etika fil-qasam  ta' proceduri

dixxiplinarji fuq il-post tax-xoghol. U dan ghaliex giet ezercitata dimissjoni sommarja.

Dan it-Tribunal jifhem li jista' jkun hemm kazi fejn tkun gustifikata tali azzjoni tempestiva, u b'mod partikolari fejn ir-rejat tant ikun serju u vizibbli, li ma jkunx hemm lok li jigi skattat process ta' dixxiplina formali.

Izda fl-inkwadratura tal-kaz ittrattat, ghal dan it-Tribunal id-decizjoni ta' dimissjoni sommarja kienet wahda frettoluza u li cahhdet lill-Appellant milli jinghata smiegh xieraq fil-konfront tan-nuqqasijiet li kien qed jigi akkuzat bihom. Huwa seta' jigi sospiz mix-xoghol u l-kaz jigi ttrattat quddiem Bord ta' Dixxiplina, kif 'a dirittura' kien sehh fl-2011.

**Decizjoni**

Ta' min jirrileva li t-Tribunal irid jiddeciedi jekk ir-raguni tat-terminazzjoni ta' mpjieg tkunx tajba u sufficcjenti skond il-ligi u wara kollox li tkun tissodisfa l-gustizzja naturali.

Tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz kif gew esposti f'dan il-process, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi li t-terminazzjoni tal-impieg tal-Appellant ma kienetx wahda gusta.

Fic-cirkostanzi, dan it-Tribunal jqis is-somma ta' €23,000 bhala kumpens gust, u jordna li tali kumpens ghandu jithallas lill-Appellanti mis-Socjeta' Ntimata, fi zmien erba' (4) gimghat mid-data ta' din id-decizjoni.

Dan il-kumpens kien motivat minn konsiderazzjoni xierqa tal-fatt li l-Appellant meta tkecca mill-impjieg kellu 55 sena, li hadem f'dan il-post tax-xoghol il-fuq minn 30 sena, u li dam madwar 7 xhur bla xoghol sakemm dahal f'impjieg b'kuntratt definit li qed ikun imgedded sena sena. Impjieg fejn is-*Security of Tenure* mhiex garantita.

Dan it-Tribunal ha konjizzjoni wkoll tad-decizjonijiet moghtija mill-Qorti tal-Appell sede inferjuri per Imh.Anthony Ellul fosthom Carmel Borg vs MPTSOL deciza nhar 8 ta' Marzu 2019 u Publius Davison vs De La Rue Currency & Security Printing deciza minn li stess fit-23 t'April 2018 fejn gie stabbilit li: 'Fil-likwidazzjoni tal-kumpens fl-ambitu tal-Art 81(2) KAP 452, it-Tribunal ghandu diskrezzjoni, u fejn din trid tkun proporzjonata jew

ragonevoli. Li l-Arbitru tat-Tribunal ghandu jkun wiehed boni viri bazat fuq apprezzament ekwu skond il-mudell tal-bonus pater familias'.

Ghall-finijiet ta' Avviz Legali 48 tal-1986, dan it-Tribunal jistabilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' €93.17.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

(Iffirmat)
**Charles Cassar**
**Chairman**

**Vera Kopja**

**Marica Psaila**
**Ghas-Segretarju**